MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 88/2024-8**

**Il-Ħamis, 25 t'April 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

**88.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

88.1.1 Is-Sindku nfurmat lill-membri li ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji pero li l-Viċi Sindku, Sandra Grech ser tittardja.

**88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

88.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 87/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

88.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

88.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk dawn il-minuti ġew approvati.

*Is-Sindku nfurmat lil membri li tixtieq li tibdel l-andament tal-laqgħa u minflok tiġi diskussa Item 88.4 – Proposti tal-Kunsilliera qabel Item 88.3 – Komunikazzjoni mis-Sindku peress li l-Viċi Sindku għadha ma waslitx.*

**88.4 Proposti tal-Kunsilliera**

88.4.1 *Il-Kunsillier, Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

88.4.1.1 Rigward il-ħajt ta' Triq is-Sagħtrija ta' P. Saliba, ġie nfurmat li dak inbena mill-Eco Gozo u ser jitranġa mill-kuntrattur tagħhom peress li għad hemm xi garanzija marbuta miegħu minħabba li fondi minn fondi Ewropej.

88.4.1.2 Staqsa rigward is-shifting ta' bozza fi Triq Dun Karm Cachia. Ġie nfurmat li din lesta.

88.4.1.3 Tintbgħat tfakkira rigward bozza ġdida fi Triq Skapuċċina.

88.4.1.4 Rigward il-ħajt ta' J. Mercieca li jrid jinbena bil-ġebel tas-sejjiegħ fi Triq taċ-Ċaqra, il-Kunsillier Nicky Saliba għandu jiċċekkja rigward l-aċċess qabel jitqabbad il-kuntrattur.

88.4.1.5 Talab sabiex rampa ta' G. Portelli fi Triq is-Sagħtrija titwitta bi ftit torba. Il-membri qablu li l-ewwel jiġi vverifikat fejn sabiex jekk jkun fil-privat dan ma jsirx.

88.4.1.6 Staqsa jekk il-gandott tad-dawl fi Triq is-Sagħtrija hux ser isir. Ġie nfurmat illi jekk isir dan ser isir mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar iżda dan tal-aħħar għadu ma tagħnix risposta fil-pożittiv. Għalhekk il-kuntrattur se jieħu ħsieb li jipprovdi l-pipijiet sabiex ma ssirx ħsara t-triq ġdida.

88.4.1.7 Talab sabiex jingħata l-konkos neċessarju malli tinżel minn Triq is-Sagħtrija. Ġie nfurmat li dan diġa sar.

*Daħlet fil-kamra residenta sabiex titkellem mal-membri tal-Kunsill rigward il-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq is-Sagħtrija u għalhekk is-Sindku kellha tissospendi l-laqgħa fil-4.25pm. Il-laqgħa reġgħet tkompliet fil-4.27pm.*

88.4.1.8 Wera l-aġir tiegħu għal fatt li kull proposta li titressaq minnu ma ssirx. Ġie nfurmat illi saru affarijiet milli propona hu u li ma sarux kienu biss dawk li forsi kien hemm xi dubji fuqhom.

88.4.2 *Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

88.4.2.1 Informa lil membri rigward it-tqassim ta' tgħamir lir-residenti biex jiġi ffrankat l-ilma. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tivverifika aktar f'dan ir-rigward.

88.4.2.2 Talab sabiex titnaddaf it-triq l-antika li kienet tgħati għaż-Żebbuġ fi Triq l-Imgħallem. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex bħal ma l-Perit ser jiġi minħabba ir-rampa f'Wied l-Abjad jiġi wkoll minnħabba din sabiex jiġi verifikat hiex fil-privat. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li din hija it-triq l-antika. Il-membri qablu li titnaddaf bil-gaffa u jingħatala l-konkos minn M. Spiteri.

88.4.2.3 Talab u l-membri qablu sabiex il-ħaddiem tal-Kunsill jagħmel bankina tal-konkos fi Triq ix-Xagħra peress li perikoluża.

88.4.2.4 Propona u l-membri qablu li persuna miż-Żebbuġ residenti f'dar ta' l-Anzjani fis-7 ta' Ġunju ser tagħlaq 100 sena u għalhekk tiġi organizzata quddiesa u wara jingħatala bukkett fjuri u kejk.

88.4.2.5 Propona u l-membri qablu sabiex fil-passaġġ ta' Triq taċ-Ċaqra tinżebgħ keep clear u titwaħħal mera fejn il-villel ta' l-Għasri għal min ikun nieżel mill-istess triq.

88.4.2.6 Talab u l-membri qablu li titwaħħal tabella direzzjonali li tindika fejn hu Wied l-Għasri malli tinżel minn Triq is-Sagħtrija.

*Il-Viċi Sindku Sandra Grech skużat ruħha li ttardjat u daħlet fil-kamra fil-4.42pm.*

88.4.2.7 Propona u l-membri qablu sabiex fuq it-turf tal-Qbajjar Promenade ta' maġenb il-gabbana ta' l-istess promenade jitwaħħal railing sabiex ma jkunx hemm perikolu għat-tfal li jkunu jilgħabu hemm. Il-membri qablu li għandha tinġabar kwotazzjoni.

88.4.2.8 Bankina ta' P. Zammit fi Triq Għajn Mhelhel talab sabiex issir bil-konkos bl-offerta li ngħatat lil Road Structures Ltd. Għandu jiġi vverifikat x'tip ta' madum għandu.

88.4.2.9 Talab sabiex fil-korsijiet li jsiru matul is-Sajf jiddaħħal is-suġġett tal-Malti mill-1 sena sas-6 sena. Il-membri qablu.

88.4.2.10 Sabiex tintbgħat tfakkira lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar rigward ir-rock bolting li kellu jsir quddiem il-klabb tal-futbol.

88.4.2.11 Talab sabiex jintbgħat il-ħaddiem tal-Kunsill biex jorbot il-bin li hemm fiż-Żebbuġ Playing Field u jissokka t-tabella għax qed iddur bir-riħ. Il-membri qablu

88.4.2.12 Sabiex tinbidel u ssir mill-ġdid il-kolonna perikoluża li hemm fejn il-ħarruba fi Triq Mons Gużeppi De Piro. Il-Kunsillier Nicky Saliba infurmaħ li hemm oħra li trid tinbidel. Il-membri qablu.

88.4.2.13 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil kuntrattur R. Cauchi sabiex jibdel l-arblu li tgħawweġ fiż-Żebbuġ Playing Field.

88.4.2.14 Talab sabiex jinbena ħajt tat-triq bil-kantun fi Triq Wied l-Abjad ta' J.Cini. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex qabel jintbgħat il-kuntrattur jiġi vverifikat mill-Perit jistax isir mill-Kunsill. Il-membri qablu li jekk il-Perit jagħti l-approvazzjoni tiegħu isir minn C. Cini.

88.4.2.15 Fakkar sabiex jitwaħħlu l-fanali dekorattivi fi Triq Ta' Milied. Ġie nfurmat li wara li jitlesta l-bini ta' quddiem min ser jiġu dawn jitwaħħlu.

88.4.3 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:-*

88.4.3.1 Sabiex isir ir-repainting tal-kaxxi tal-parkeġġ ta' Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

88.4.3.2 Irringrazzjat lil Kunsill li twaħħlu t-tabelli ta' tarmix żibel u l-bank fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq it-Torn.

88.4.3.3 Rigward I love Marsalforn. Ġiet infurmata li l-Artist M. Cassar għandu jibgħat il-qisien.

88.4.3.4 Staqsiet jekk f'Jum l-Omm il-Kunsill hux ser jagħti tifkira. Ġiet infurmata li ser tingħata.

88.4.4 *Il-Kunsillier, Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

88.4.4.1 Tintbgħat tfakkira lil Perit sabiex jipprovdi l-pjanti neċessarji għaż-Żebra crossing temporanja fi Triq ir-Rabat. Qablu li jiġi mqabbad N. Cassar sabiex jagħmel bozzoz solari jekk joħroġ il-permess minn Transport Malta.

88.4.4.2 Rigward il-litter bins li ser jitwaħħlu fi Triq il-Wied. Qal li ġabar kwotazzjoni pero l-membri rawhom għolja. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiġbor aktar kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw 6.

88.4.3.3 Tintbgħat tfakkira rigward ic-Charging Pillars li kellhom jeħlu. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li titressaq talba sabiex jiġu provduti fire blankets magħhom. Il-membri qablu.

88.4.3.4 Tfakkira lil MGP sabiex jinbena l-ħajt ta' Triq ix-Xagħra li jagħti għal fuq Triq il-Munġbell.

88.4.3.5 Tfakkira lil Kuntrattur R Cauchi rigward it-3 arbli tad-dawl li kellhom jeħlu fi Triq ix-Xwejni fejn il-boat houses.

88.4.3.6 Propona u l-membri qablu sabiex isir railing ta' l-injam fi Triq il-Kanun u jikber il-gutter eżistenti. Dan ix-xogħol ser isir miż-Żebbuġ Rovers.

88.4.3.7 Talab u l-membri qablu li r-rampa mal-bankina li tintuża minn persuna disbled minflok tal-konkos issir bil-cold asphalt forsi ma tinkisirx mit-trakkijiet.

88.4.3.8 ~~Talab sabiex isir access ta' 2sqm f'Ta' Tuttiet. Ma kienx hemm qbil peress li fil-privat.~~

88.4.3.9 Talab sabiex titranġa l-mera fejn l-għalqa l-vojta fi Triq Għajn Mhelhel. Il-ħaddiem tal-Kunsill għandu jmur jirranġha.

88.4.3.10 Talab u l-membri qablu sabiex fit-traffic management li ser isir mill-Perit tal-Kunsill ta' Triq Santa Marija, tiddaħħal communal disabled parking bay qrib il-gabbana tal-Qbajjar Promenade.

88.4.3.11 Talab sabiex titranġa rampa fejn l-Għar ta' Santa Marija fil-Bajja tax-Xwejni peress li tkissret bil-maltemp. Il-membri qablu li jintalab permess lil PA taħt Artiklu 70.

88.4.3.12 Sabiex titwaħħal tabella tal-klieb fi Pjazza l-Assunta.

## 88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

88.3.1 Infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva ittra uffiċċjali bl-Avukat mill-PRAX. L-ittra ġiet moqrija. Is-Sindku nfurmat lil membri li ġie nnotifikat b'din l-Avukat fejn ħejja tweġiba. It-tweġiba ġiet moqrija. Il-membri qablu li tintbgħat it-tweġiba li nqrat.

88.3.2 Infurmat lil membri li il-proġett tal-West End Playing Field fil-Qbajjar Promenade issa tlesta. Il-Kunsill qed jistenna mill-LESA meta ser jiġi nawgurat. Id-dawl madwar dan il-playing field qed isir mill-MGP. Proponiet u l-membri qablu sabiex jinxtraw ix-xtieli sabiex jitħawlu mal-passaġġi.

88.3.3 Fakkret lil membri li wara l-laqgħa tal-Kunsill hemm il-laqgħa ma' l-Għaqdiet tal-Festa fis-7.30pm. Infurmat lil membri li hi ser tattendi għal din il-laqgħa u turihom bil-kollaborazzjonijiet li ddeċieda l-Kunsill peress li minuti 87/2024-8 huma issa pubbliċi.

88.3.4 Rigward il-ħasil fil-ġimgħa tal-festa. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill joffri €70 kuljum lil kull ħaddiem għal xogħol ta' tindif matul il-ġimgħa u €140 kuljum għal min jidħol il-Ħadd.

88.3.5 Proponiet u l-membri qablu sabiex il-Kunsill japplika għal fondi tad-DPF sabiex jinbidel ir-railing tal-PVC minn fejn il-latrina tal-Qbajjar Promenade sal-Bajja tal-Qbajjar.

88.3.6 Rigward ix-Xwejni Music Fest, is-Sindku qrat dikjarazzjoni mħejjiha minnha annessa ma dawn il-minuti immarkata bħala Dok A. Is-Sindku talbet li jittieħed vot rigward r-rrevokar tal-permess sabiex jiġi organizzat ix-Xwejni Music Fest jekk jinqalgħu barra l-Għaqdiet tar-raħal. Sostniet li dan il-festival sar biex jibbenifikaw minnu s-6 għaqdiet. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li aħjar li l-affarijiet ikunu ċari. Sostna li l-Għaqda tan-Nar ħadu l-festival peress li ġew infurmati mill-Kunsill li l-Kunsill mhux ser ikun jieħu ħsiebu aktar. Il-Kunsillier Baskal Saliba fakkar li l-Kunsill telaq mill-punt li lest li jitlaq il-Festival minn idejh bil-patt u kundizzjoni li l-Għaqdiet jibqew jibbenifikaw minnu. Sostna li issa f'idejn il-MGP li jiddeċiedi pero għal ġid tal-lokalita għandha tiġi riveduta d-deċiżjoni. Qal li l-MGP għandu jiżen is-sitwazzjoni sabiex ma jkunx hemm diżgwid bejn l-Għaqdiet.

Kompla jgħid li waslitlu informazzjoni li persuna ħadet l-Għaqda tan-Nar il-Ministeru sabiex tieħu l-bars f'idha din l-Għaqda biss. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li ma jħossx li għandu jieħu vot qabel ma l-affarijiet jkunu ċari u għalhekk propona li ssir laqgħa ma' l-Għaqda tan-Nar. Is-Sindku talbet ruling sabiex jittieħed vot.

Is-Sindku u l-Viċi Sindku vvutaw li l-bars għandhom jibqgħu f'idejn l-Għaqdiet kollha inkellha jiġi rrevokat il-permess.
Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li ma jistax jivvota.
Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li jekk għad baqa' ċans jerġa jieħu f'idejn ix-Xwejni Music Fest il-Kunsill sabiex jagħmel ċert li l-Għaqdiet kollha jgawdu minn dan il-Festival.
Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li l-Għaqdiet kollha għandhom igawdu minn dan il-festival.
Il-membri kollha ddikjaraw li ħadd minnhom ma mar ma' l-Għaqda tan-Nar għand l-MGP.
Is-Sindku Dr Marlene Cini proponiet li l-Kunsill għandu joħroġ stqarrija li l-Kunsill qatt ma qabel li l-Għaqda tan-Nar taqla' lil Għaqdiet l-oħra minn dan il-Festival. Sostniet li l-Kunsill jaqbel fil-prinċipju li l-qliegħ minn dan il-festival jitqassam ugwali bejn l-għaqdiet kollha. Il-laqgħa ġiet sospiża fil-18.08pm u reġet bdiet fil-18.10pm. Wara diskussjoni il-membri qablu hekk:
Is-Sindku, Dr Marlene Cini, l-Viċi Sindku, Sandra Grech u l-Kunsilliera Daniel Cordina u Baskal Saliba qablu li l-Kunsill ikun ċar mal-MGP li l-bars għandhom ikunu f'idejn l-Għaqdiet kollha u l-qliegħ jinqasam bejniethom ugwali u wara fil-kas tinħareġ stqarrija jew issir laqgħa ma' l-Għaqdiet.
Il-Kunsillier Nicky Saliba ddikkjara li hu mhux fil-Kumitat tan-Nar iżda l-ewwel il-Kunsill għandu jitkellem ma' l-Għaqda tan-Nar imbagħad toħroġ stqarrija.

## 88.5 Approvazzjoni ta' l-offerti

ZGLC/04/2024 - Services - Tender for the provision of lights services (including Stage Roof Canopy) for the Colours of Spring Festival - il-membri qablu li din l-offerta tingħata lil Power Sound skond ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

ZGLC/05/2024 - Services - Tender for the provision of sound services for Colours of Spring Festival - il-membri qablu li din l-offerta tingħata lil Pro Stage Sound skond ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

ZGLC/03/2024 - Supply, delivery and installation of external CCTV camera system for Zebbug Local Council - Various sites - il-membri

qabli li din l-offerta tingħata lil Alberta Fire and Security Equipment Ltd skond ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

Is-Sindku nfurmat lil membri li rigward l-offerta tal-Works-Tender for the supply, installation, testing and commissioning of energy-friendly LED in-pavement colour – changing illuminators ser jinbidlu l-specs u ser jiġu provduti mill-Inġineer Simon Mizzi peress li hemm xi items li ma għadhomx jeżistu u li għalhekk din l-offerta ħarġet kemm il-darba.

Il-membri qablu li il-Project Leader tal-GAGF għandha tibqa' is-Sindku Dr Marlene Cini anke wara l-elezzjoni tal-Kunsilli peress li dan il-proġett ikun wasal fil-fażi li jingħalaq.

**88.6 Materji Oħra**

88.6.1 Ħajt u rampa ta' A. Zammit fi Triq ta' Ħluq sabiex isiru. Il-membri qablu li tinġab stima mingħand R. Zammit u jinġab perit fuq il-post.

88.6.2 Talba mingħand J. Zammit biex isiru double yelolow lines fi Triq iċ-Ċnus fil-kantuniera. Il-membri qablu.

88.6.3 Il-Perit tal-Kunsill ser jivverifika liema parti mit-taraġ ta' Barda hija pubblika. Il-membri qablu li jekk dan it-taraġ jista' jsir jiġi vverifikat jistax isir mill-fondi tad-DPF.

88.6.4 Talba mingħand F. Cefai – l-iskrivana tal-Kunsill sabiex tingħata 6 ijiem cultural leave peress li ser issiefer mal-Kor tar-raħal f'Ruma f'Settembru li ġej. Il-membri qablu.

88.6.5 Talba mingħand G.Axiaq sabiex issir ħadida mal-bankina fi Triq id-Duluri k/m Triq il-Munġbell. Ma kienx hemm qbil peress li din kontra l-liġi.

88.6.6 Talba sabiex jitneħħa s-sinjal isfal li hemm quddiem il-bank fi Triq il-Ponta. Il-membri ddikjaraw li ma jridux jidħlu fi kwistjonijiet bejn il-ġirien.

88.6.7 Talba mingħand W. Tabone sabiex isir yellow line quddiem l-entratura tal-flats tiegħu peress li qed jipparkjaw il-muturi u ma jkunx jista' jidħol b'wheelchair. Il-membri qablu li jsir.

88.6.8 Rigward Triq Kappillan Franġisk Vella. TM talbu lil Kunsill sabiex jissottometti traffic management biex ikun jista' jiżdied id-double yellow line. Il-Kunsillier Daniel Cordina ssuġġerixxa li ssir bankina pero l-membri qablu li jsir Traffic Management.

88.6.9 Talba mingħand R. Grech sabiex jiżebaħ jerġa id-double yellow line ta' quddiem l-Izibet fi Triq il-Qbajjar peress li f'dik il-kantuniera x'ħin ikun hemm il-karozzi pparkjati qed jeħel it-traffiku. Il-membri qablu li jerġa jinżebaħ.

88.6.10 Ittra mibgħuta mill-Avukati ta' Atlas Insurance rigward vettura li għamlet spejjes meta laqtet il-bankina ta' Triq il-Qbajjar. Ġiet moqrija draft li ser jibgħat bħala risposta l-Avukat tal-Kunsill. Il-membri qablu. Is-Sindku nfurmat lil membri li fil-15 ta' Mejju 2024 hemm is-seduta rigward is-siġra li kienet waqgħet fil-parkeġġ ta' Marsalforn fil-2019.

88.6.11 Talba mingħand G Cini sabiex isir railing mal-bankina fi Triq Għajn Mhelhel kantuniera ma Triq tal-Konti. Il-membri ma qablux li jsir dan ir-railing peress li hu kontra l-liġi pero qablu li jeħlu barriers tal-lasktu mal-bankina.

88.6.12 Talba mingħand J Callejja sabiex tinfetaħ aktar l-entratura ta' l-għelieqi biex ikunu jistgħu jidħlu bi tractor fi Triq l-Imgħallem. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir minn M.G Caruana.

88.6.13 Inġabret kwotazzjoni mingħand Refalo Signs sabiex is-sinjali tat-traffiku f'Marsalforn isiru minn PVC tat-10mm minflok tal-landa. Kwotazzjoni għal tabella ta' qies 60x40cm tiswa €36 mingħajr VAT. Il-membri qablu.

88.6.14 Talba mingħand C. Saliba sabiex fi Triq Għajn Mhelhel isiru traffic calming measures. Il-membri qablu li jitwaħħlu tabelli u jitpittru fl-art 30km/h u l-istess jsir fejn il-binja tal-mużew fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri.

88.6.15 Ġonna fl-Urban Skema mill-MAFA għal 50 siġra taż-żebbuġ jew tal-laring. Il-Kunsill jingħata lura €10 għal kull siġra li jixtri. L-applikazzjoni tagħlaq fil-31 ta' Mejju 2024. Il-membri qablu.

88.6.16 Ittra mill-PA rigward enforcement li kellu fuqu l-monument tal-gwerra li hemm fil-pjazza. Dan ġie rrevokat.

88.6.17 Talba mingħand J. Fiteni sabiex jinbena ħajt bil-kantun fi Triq Ta' Ċikku. Il-membri qablu li jinbena minn A. Attard.

88.6.18 Talba mingħand R Young sabiex wara Panorama Court fi Triq Għajn Mhelhel jinżebagħ double yellow line fil-kantuniera. Il-membri qablu. Qablu wkoll li jsir ir-repainting fix-Xwejni.

88.6.19 L-applikazzjoni għal reserved disabled parking bay ta' A Cini ta' Triq Skappuċċina ma ngħatax permess peress li għandu garaxx.

88.6.20 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-ħajt li jżomm it-triq f'Wied l-Infern ta' P. Cassar li għadda fil-laqgħa ta' Jannar u kellu jinbena minn JP Saliba ser jiġi jiswa €812. R. Axiaq ser jieħu ħsieb it-taħmil u mhux ser ikun hemm rimi.

88.6.21 Rigward it-talba ta' M Vella li għandha għalqa fi Triq Taċ-Ċaqra u li trid tneħħi r-rampa li kienet saret mill-Kunsill meta ngħata l-konkos, il-membri qablu li din għandha ġġib il-kuntratt ta' l-għalqa sabiex il-Kunsill jivverifika jekk hemmx xi aċċess għal xi ħadd qabel ma titneħħa.

88.6.22 Rigward il-ħajt li kellu jibena bil-kantun fuq il-Wied ta' Marsalforn, il-kuntrattu MG Caruana ser jitħallas bir-rata ta' €150 kuljum u li mhux ser ikun jaqbeż is-6 ijiem xogħol. Il-membri qabluli qabel ma jibda x-xogħol, il-Perit tal-Kunsill għandu jivverifika li dan mhux fil-privat.

## 88.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 57/2024 għall-perjodu ta' April 2024 li tammonta għal €62,046.23 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed jieħu deċiżjoni fuq l-approvazzjoni tal-kont mibgħut mir-Reġjun t'Għawdex bin-numru 22 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Maniġer tar-Reġjun.

## 88.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19.00 ta' filgħaxija. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar il-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2024 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv

Dok. A.

**Xwejni Music Fest**

Rigward ix-Xwejni Music Fest nibda billi ngħid li dan il-festival inbeda minn inizjattiva tiegħi personali. L-għan ta' dan il-festival huwa li jkun ta' sostenn finanzjarju lis-sitt għaqdiet ta' raħalna qabel il-festa u b'mod partikulari sabiex insaħħu l-volontarjat fil-lokalita' tagħna.

Sabiex din l-inizjattiva saret realta' kelli nitlob il-kollaborazzjoni tad-Direttorat tal-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Grazzi speċjali tmur lill-Ministru Clint Camilleri li emmen f'dan il-proġett u seta' jkun possibli.

Grazzi għal Ministeru għal Għawdex, għal sentejn sħaħ provda 90% tal-fondi sabiex dan il-festival seta' jkun possibli filwaqt li l-Kunsill Lokali provda mal-10% tal-fondi. Fuq medda ta' sentejn is-sitt għaqdiet tar-raħal ingħataw Eur 2,650 kull wieħed ċioe' total ta' Eur 15.900 mill-qliegħ tal-bars. Dan ma setax iseħħ mingħajr t-tim b'saħħtu li emmen f'dan il-proġett, xammar il-kmiem u ħadem fl-aqwa tax-xemx u s-sħana ta' Lulju.

Iżda b'dispjaċir kbir ngħid li din is-sena l-folja nqalbet. Bħalma tafu jien mhux se nkun nikkontesta l-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali li ġejja u għalhekk ma nistax inkun l-organizzatur ta' dan il-festival. Wara laqgħa nformali li kellna mal-Għaqda tan-Nar, urew ix-xewqa li jorganizzaw dan il-festival huma. Minħabba l-fatt li l-Ministeru għal Għawdex huwa l-main sponsor ta' dan il-festival, huwa l-istess Ministeru li jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tiegħu. Ma nħobbx nispekola, iżda aqas nista nħalli kollox għaddej qisu xejn mhu xejn! Nerġa' ntenni li x-Xwejni Music Fest ġie organizzat sabiex jibbenifikaw is-sitt għaqdiet tar-raħal għalhekk kemm-il darba dan se jsir a skapitu biex il-qliegħ tal-bars jingħata lil għaqda waħda biss, il-permess li nħareġ mill-kunsill lokali biex jiġi organizzat il-festival fi Triq il-Batterija jiġi rrevokat immedjatament. Għaldaqstant nitlob li jittieħed vot fuq dan il-għan.